MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 6/2007

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833).**

**vs.**

**Carmelo u Ruth mizzewgin Psaila (I.D. 174988 (M) u 428072 (M)).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Bank of Valletta p.l.c. datat 4 ta’ Jannar 2007 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt data 3 ta’ Mejju 2001 in atti n-Nutara Dottor Rosella Sciberras (Dok. “A”) u l-iskrittura privata datata 17 ta’ Jannar 2003 (Dok “B”) is-socjeta` attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lill-konvenuti Carmelo u Ruth mizzewgin Psaila.

Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Carmelo u Ruth mizzewgin Psaila fis-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, seba' mija u erbgha u tmenin Lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm21,784.43) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Carmelo u Ruth mizzewgin Psaila mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok."C1 sa "C3", "D1" sa "D3", u "E1" sa "E2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-16 ta' Novembru 2006 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebita bhala Dokument "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Carmelo u Ruth mizzewgin Psaila;

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti Carmelo u Ruth mizzewgin Psaila li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Illi Carmelo u Ruth mizzewgin Psaila gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 19 ta' Mejju 2006 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. "F", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Carmelo u Ruth mizzewgin Psaila (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt

u skrittura, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti Carmelo u Ruth mizzewgin Psaila li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

2. Tikkundanna lil Carmelo u Ruth mizzewgin Psaila jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, seba' mija u erbgha u tmenin Liri Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm21,784.43) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Carmelo u Ruth mizzewgin Psaila mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1" sa "C3", "D1" sa "D3", u "E1" sa "E2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-16 ta' Novembru 2006 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 19 ta' Mejju 2006 kontra l-konvenuti u tal-Mandat ta' Sekwestru anness u gew ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa fol. 31 tal-process;

Rat li ghalkemm l-intimata Ruth Psaila giet debitament notifikata hija ma pprezentat l-ebda risposta u baqghet kontumaci.

Rat ir-Risposta Guramentata ta' Carmelo Psaila datata 27 ta' Marzu 2007 a fol. 67 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti *stante* illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-ammont reklamat mis-socjeta` rikorrenti mhux dovut fl-*intier* tieghu mill-eccipjenti solidalment mal-intimati konvenuti.

2. Illi l-intimati konvenuti ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni personali, u minhabba differenzi bejn iz-zewg partijiet, ma setax jintlahaq ftehim dwar il-mod kif kellu jithallas id-debitu minnhom assunt; illi minkejja f'dan l-eccipjenti kompla jivversa diversi pagamenti wahdu lill-

istess socjeta` rikorrenti, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet, l-ammont *ossia* bilanc dovut fir-rigward tal-kont numru 40012254927, li jirrizulta mid-dokument mehmuz mar-rikors guramentat u mmarkat bhala “Dok. “E1”, dan ghandu jithallas unikament u esklussivament mill-konvenuta l-ohra Ruth Psaila, *stante* illi bil-kunsens u awtorizzazzjoni ta’ Ufficjali fi hdan il-Bank of Valletta p.l.c. dan id-debitu gie trasferit u assunt mill-konvenuta l-ohra, u dan ghal ragunijiet li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-intimati a fol. 68 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti u li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Ottubru 208.

Rat l-atti kollha pprezentati.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi f’din il-kawza jirrizulta li l-Bank attur ikkonceda facilitajiet bankarji lill konvenuti konsistenti f’self ta’ l-ammont ta’ (€125,820) (Lm54,000) indikat fil-kuntratt pubbliku datat 3 ta’ Mejju 2001 (Dok. “A”) u l-iskrittura privata datata 17 ta’ Jannar 2003 u dan verso l-pattijiet u kundizzjonijiet hemm indikati (Dok.”B”).

Illi jirrizulta li sad-data pprezentata tal-kawza odjerna l-ammont dovut huwa ta’ €50,757.72 (Lm21,784.43) (Dok. “C1” sa “C3”, “D1” sa “D3” u “E1” sa “E3” ) dan peress li l-

istess konvenuti naqsu li jhallsu l-pagamenti kif stipulati, u b'hekk l-istess konvenuti kienu inadempjenti fl-obbligi taghhom ghall-pagament lura tal-istess ammont ta' self; u wkoll hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-konvenuti li jaffettwa hazin il-hlas lura tal-istess debitu u dan jista' jinkludi li l-konvenuti qeghdin fi process ta' separazzjoni.

Illi filfatt dan kollu kemm huwa gie ppruvat mix-xhieda u dokumenti esebiti mar-rikors guramentat u ma hemm l-ebda dubju wkoll li skond l-istess kuntratt iffirmat mal-Bank attur, l-partijiet obbligaw ruhhom li jhallsu l-istess ammonti lilhom avvanzati flimkien u solidalment bejniethom.

Illi fil-fatt jirrizulta wkoll li tali ammonti jirrizultaw minn tlett akkonti differenti indikati fid-dokumenti Dok. “C1” sa “C3”, “D1” sa “D3” u “E1” sa “E3”, u cjoe' kont numru 40010439141 (Dok. “C1” sa “C3”) fl-ammont ta' Lm15,672.70; kont Numru 40010439171 fl-ammont ta' Lm5,358.28 (“D1” sa “D3”); u kont Numru 40012254927 fl-ammont ta' Lm753.45 (“E1” sa “E3”) li jwasslu ghall-ammont ta' €50,757.72 (Lm21,784.43) rikjest fl-azzjoni attrici u dan kollu kif ikkonfermat fl-affidavit ta' Margaret Balzan ghan-nom tal-istess Bank fl-affidavit taghha.

Illi minn din l-ahhar xhieda jirrizulta li l-konvenuti kienu hadu self iehor ta' Lm2,000 (Dok. “MB 3” ghall xiri ta' karozza u jidher li kien hemm kont iehor ghall dan il-ghan Numru 400117135537 li fis-17 ta' April 2006 kellu debitu fl-ammont ta' Lm357.04 u gie trasferit fil-Kont Numru 40012254927 tal-konvenuti. Illi dan sehh wara li l-Bank kien informa lill-konvenut Carmelo Psaila b'ittra datata 20 ta' April 2005 li huwa kien mehlus mill-obbigazzjonijiet fir-rigward tal-kont 40012254927 peress li huwa kien trasferixxa l-karozza (Dok. “A” - fol. 69).

Illi fil-fatt a bazi ta' din l-ittra l-konvenut qed isostni li huwa ma ghandux ihallas l-ebda ammont indikat fl-istess kont numru 40012254927 proprju minhabba din id-dikjarazzjoni u dan iwassal ghall-ammont ta' Lm696.03 li bl-imghax sas-16 ta' Novembru 2006 tela' ghall-ammont ta' €1,755.53 (Lm753.45) – Dok. “E1” u “E2”.

Illi din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti jirrizulta li l-kontenut tal-ittra datata 20 ta' April 2005, fejn l-istess Bank ezenta lill-konvenut minn kull obbigazzjoni naxxenti mill-kont numru 400 1225 4927, hija tant cara li ma hemm lok ta' ebda interpretazzjoni tant li din tghid testwalment (fol. 88):-

*'This is to confirm that you are completely relieved from the obligations of account number 400 1225 4927, being a customer loan, as you have today transferred the car no. DAC 263".*

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha ghaliex gie ppruvat li fil-fatt il-konvenuti naqsu mill-obbligi taghhom fil-konfront tal-Bank attur, u dan billi *inter alia* naqqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti minnhom lill-Bank u dan kif jidher mid-diversi ittri interpellatorji mibghuta mill-konvenuti mill-Bank u wkoll mill-rendikonti relattivi tal-istess stat ta' kontijiet ta' self, u dan anke peress li jirrizulta li l-konvenuti kienu jinsabu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni, b'dan pero' li l-konvenuti qed jinzammu solidalment responsabbli ghall-hlas tas-somma ta' €49,002.18 (Lm21,030.98) (Kontijiet Numru 40010439142 u 40010439171) bl-imghax ulterjuri mis-16 ta' Novembru 2006 sad-data tal-effettiv pagament, filwaqt li l-konvenuta hija responsabbli wkoll ghall-hlas tas-somma ulterjuri ta' €1,755.54 (Lm753.45) (Kont Numru 400 1225 4927) bl-imghax ulterjuri mis-16 ta' Novembru 2006 sal-effettiv pagament.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, u filwaqt li tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-konvenut Carmelo Psaila limitatament ghall-kont numru 400 1225 4927, u tichad l-eccezzjonijiet l-ohra biss in kwantu l-istess huma inkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument “A” u “B”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Carmelo u Ruth mizzewgin Psaila (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenuti Carmelo u Ruth mizzewgin Psaila li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

2. Tikkundanna lil Carmelo u Ruth mizzewgin Psaila jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tmienja u erbghin elf, disa’ mija u disgha u disghin punt disghin ewro (€49,002.18) ekwivalenti ghall-wiehed u ghoxrin elf, u tlettin lira Maltija u tmienja u disghin centezmu (Lm21,030.98) bilanc ghad-debitu fil-“*Loan Accounts*” ta’ Carmelo u Ruth mizzewgin Psaila mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “C1” sa “C3”, “D1” sa “D3”) bl-imghax ulterjuri mis-16 ta’ Novembru 2006 sad-data tal-effettiv pagament, filwaqt li l-konvenuta Ruth Psaila hija responsabbli wkoll ghall-hlas tas-somma ulterjuri ta’ elf seba’ mija hamsa u hamsin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€1,755.54) (Lm753.45) (Kont Numru 400 1225 4927 – Dok. “E1” sa “E2”)) bl-imghax ulterjuri mis-16 ta’ Novembru 2006 sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 19 ta’ Mejju 2006 u tal-Mandat ta’ Sekwestru kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------